



Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11029/22

ONU 97	DEVGEN 148
CONUN 143	SUSTDEV 131
COHOM 74	ENV 738
CFSP/PESC 956	CLIMA 364
COPS 337	COHAFA 72
CSDP/PSDC 457	MIGR 220
CONOP 57	CODUN 26
COTER 188	SAN 450
COAFR 188	CYBER 263

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul is-77 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2022 - Settembru 2023 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Lulju 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul is-77 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2022 – Settembru 2023, kif approvati mill-Kunsill fit-3889 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Lulju 2022.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Prioritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti
matul is-77 Sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti,
Settembru 2022 – Settembru 2023¹**

I. Il-kuntest – GĦALIEX?

1. Illum, hekk kif id-dinja qed tiffaċċja waħda mill-akbar sfidi għall-paċi u s-sigurtà globali – il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna – ir-rispett tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, li huwa bbażat fuq il-Karta tan-NU huwa aktar importanti minn qatt qabel. Dan jiżdied mal-ksur u l-kriżijiet ġeopolitiċi eżistenti bħall-COVID-19 jew it-tibdil fil-klima. It-theddid għas-sovranità, l-integrità territorjali u l-indipendenza ta' kwalunkwe Stat, taħt kwalunkwe pretest, huwa theddida għalina lkoll u ma jistax jiġi ttollerat. Jekk dan jitħalla jsir mingħajr ma jiġi kkuntestat, ikun ifisser li qed jiġi aċċettat ordni internazzjonali bbażat fuq l-użu tal-forza.
2. Il-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata, mhux provokata u illegali tar-Russja qed tagħmel ħsara lill-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, lill-ekonomija globali, u lis-sigurtà alimentari globali b'modi li jagħmlu ħsara lill-pajjiżi kollha. Quddiem dan l-affront għall-umanità, l-UE u l-Istati Membri tagħha jfakkru fil-karattru vinkolanti tal-Karta tan-NU fl-intier tagħha – il-paċi u s-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-dinjità tal-bniedem, id-drittijiet uguali ta' nazzjonijiet kbar u żgħar – u jenfasizzaw l-universalità tal-prinċipji fundamentali tan-NU. L-UE tafferma mill-ġdid il-konvinzjoni tagħha li l-isfidi ewlenin ta' żmienna, min-natura u l-ambitu globali tagħhom, ma jistgħux jiġu indirizzati minn pajjiżi li jaġixxu waħedhom iżda għandhom jiġu indirizzati flimkien.

¹ F'dan id-dokument kollu, l-użu ta' "UE" ma jippreġudikax il-kwistjoni dwar jekk il-kompetenza hijiex tal-"UE", tal-"UE u l-Istati Membri tagħha" jew esklużivament tal-"Istati Membri".

3. Ir-rispons qawwi tad-dinja għal dan il-ksur flagranti tal-Karta tan-NU jibgħat messaġġ qawwi - il-multilateraliżmu u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli huma importanti u tali użu tal-forza ma għandux iseħħ fis-seklu 21. In-NU kienet reattiva u adattat ruħha fid-dawl ta' din il-kriżi billi skjerat u tejbiet il-preżenza fejn meħtieġ. Din il-gwerra bla sens li qed tikkawża devastazzjoni massiva, qerda, u tbatija umana trid tintemm issa. Flimkien mas-sħab, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħmlu kull sforz biex jagħmlu d-dinja post aktar sikur għal kulħadd – fl-Ewropa u lil hinn minnha – billi jiddefendu d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u jiżguraw il-paċi u l-prosperità.
4. Hekk kif id-dinja kienet qed tibda tfieq mill-pandemija, il-gwerra mhux ġustifikabbli, mhux provokata u illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna tefgħatha fi żminijiet saħansitra aktar inċerti. Il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna qed tipproduċi effetti devastanti fuq dinja li diġà qed tbatu mill-COVID-19 u mit-tibdil fil-klima. Il-pajjiżi li ilhom jiġthabtu biex jirkupraw mill-pandemija tal-COVID-19 u biex jagħmlu progress lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) issa qed jiffaċċjaw aktar sfidi – kriżijiet globali imminenti fl-ikel, l-enerġija u l-finanzi.
5. Issa aktar minn qatt qabel wasal iż-żmien li tintwera solidarjetà u li jintwera li l-multilateraliżmu jaħdem fi żminijiet ta' kriżi. L-impatti tal-aggressjoni tar-Russja huma globali u jaffettwaw lil persuni f'kull rokna tad-dinja, b'effetti partikolarment drammatiċi fuq daww il-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-atturi multilaterali - in-Nazzjonijiet Uniti, l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, il-G7 u l-G20 - għandhom jingħaqdu u jressqu soluzzjonijiet multilaterali robusti biex jindirizzaw l-impatti negattivi u l-kawżi ewlenin tal-kriżi interkonnessa. Irridu naġixxu issa - biex nevitaw taqlib soċjali u aktar instabbiltà f'ħafna partijiet tad-dinja. L-UE ser timpenja ruħha mal-Grupp tan-NU ta' Rispons għall-Kriżijiet Globali dwar l-Ikel, l-Enerġija u l-Finanzi (GCRG) f'dan ir-rigward. L-UE u l-Istati Membri tagħha hađu diversi inizjattivi bil-għan li jtaffu l-effetti severi tal-kriżi globali tal-ikel u ser ikomplu jinvolvu ruħhom mas-sħab kollha bil-ħsieb li jtaffu l-konsegwenzi b'mod partikolari, iżda mhux biss, biex jindirizzaw in-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni kif ukoll il-ħtiġijiet umanitarji li qed jiżdiedu.

6. Bħala test fundamentali tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, il-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna kixfet xi lakuni sinifikanti fil-governanza globali u għal darb'oħra enfasizzat il-ħtieġa li jiġu mmodernizzati u riformati n-Nazzjonijiet Uniti fid-dawl ta' ksur ġeopolitiku dejjem aktar profondi. Għandna nisfruttaw l-opportunità storika pprovduta mill-proċess tan-NU dwar "L-Aġenda Komuni Tagħna" biex nintroduċu riformi ta' governanza globali, sabiex is-sistema multilaterali ċċentrata fuq in-NU tkun adattata għad-dinja ta' għada u twettaq aħjar l-impenji globali kondiviżi tagħna. L-UE ser tkun qed tissieħeb mal-atturi rilevanti kollha għal dan il-għan - fl-ispiritu ta' multilateraliżmu verament inklużiv u f'network.

II. "L-aġenda Komuni Tagħna" – niddefinixxu t-triq 'il quddiem tagħna - X'INHI?

1. L-iżgurar tal-paċi u l-prosperità

7. In-Nazzjonijiet Uniti bħala l-unika organizzazzjoni li tlaqqa' flimkien il-pajjiżi kollha għandha tkompli tippromwovi d-djalogu bħala l-aħjar mezz biex jintlaħqu soluzzjonijiet sostenibbli għall-konflitti fil-partijiet kollha tad-dinja. Quddiem livelli dejjem jiżdiedu ta' konflitt vjolenti kif ukoll theddid għall-użu tal-forza madwar id-dinja, ksur ripetut tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali, flimkien ma' kultura mifruxa ta' impunità, hemm bżonn ta' approċċ ġdid u aktar b'saħħtu għall-paċi u s-sigurtà, ankrat fid-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji fundamentali tad-dritt internazzjonali. Il-kapaċità tar-Russja li xxekkel rispons effettiv mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU għall-aggressjoni tagħha stess kontra l-Ukrajna turi li s-sett ta' għodod għad-dispożizzjoni tagħna mhuwiex adattat biex jindirizza l-kobor tal-isfidi li qed tiffaċċja d-dinja.

a) Aġenda Ġdida għall-Paċi

8. Illum neħtieġu "Aġenda Ġdida għall-Paċi" ambizzjuża – waħda li tavvanza approċċ komprensiv u integrat u tindirizza l-isfidi u t-theddid attwali u futuri għall-paċi u s-sigurtà, filwaqt li taċċellera l-implimentazzjoni tal-aġenda dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà kif ukoll l-aġenda għaż-żgħażaġh, il-paċi u s-sigurtà. Jeħtieġ li niżguraw li l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU bħala l-korp ewlieni għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali jkun jista' jwettaq ir-rwol tiegħu fid-dawl ta' tensjonijiet u rivalitajiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu. L-inizjattiva adottata reċentement li toħloq mandat permanenti biex l-Assemblea Ġenerali tan-NU titlaqqa' awtomatikament kull darba li jsir veto fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU hija kontribut importanti biex jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabbiltà fin-NU. L-UE tagħti l-appoġġ sħiħ tagħha għall-inizjattiva dwar is-sospensjoni tas-setgħat ta' veto fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU f'każijiet ta' atroċitajiet tal-massa.
9. L-"Aġenda Ġdida" għandha tagħmel aktar enfasi fuq il-prevenzjoni, permezz tal-użu sħiħ tas-sett ta' għodod diplomatiċi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' medjazzjoni, u tkun koerenti mal-konsolidazzjoni tal-paċi u ż-żamma tal-isforzi għall-paċi fil-livelli kollha. Jeħtieġ li niżguraw li l-missjonijiet tan-NU għaż-żamma tal-paċi jkunu aktar effettivi u effiċjenti, f'konformità mal-aġenda tal-Azzjoni dwar iż-Żamma tal-Paċi (A4P) u l-pjan ta' implimentazzjoni A4P+, u jkunu ggwidati minn strateġiji politiċi vijabbli, sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-avvanz ta' soluzzjonijiet politiċi għall-konflitti, ankrati fid-drittijiet tal-bniedem. Bl-istess mod, l-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tal-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi, u t-tisħiħ tar-rwol konsultattiv, ta' tlaqqiġ u ta' intermedjarju tagħha jibqgħu kruċjali fl-appoġġ tal-isforzi għall-paċi madwar id-dinja. Ir-rwol tal-Kummissjoni għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi bħala pjattaforma biex tattira impenn politiku minn gvernijiet u donaturi ewlenin lejn l-oġettivi tal-konsolidazzjoni tal-paċi u l-prevenzjoni tal-konflitti jista' jissaħħaħ aktar. Il-Fond tan-NU għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi jeħtieġ li jkun iffinanzjat b'mod adegwat, prevedibbli u sostenibbli, u l-kontribuzzjonijiet ivvalutati jistgħu joffru żieda kruċjali f'dan ir-rigward.

10. Jeħtieġ li nkunu mgħammra aħjar biex nindirizzaw theddid u sfidi ġodda. L-"Aġenda Ġdida" ser teħtieġ it-tisħiħ tal-kooperazzjoni għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, il-kriminalità tranżnazzjonali, it-traffikar tal-bnedmin, l-attakki ibridi li jinkludu l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti u r-refuġjati, kif ukoll ir-riskji relatati maċ-ċibernetika f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem, impenn aktar determinat għad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi, it-tisħiħ tal-governanza globali għall-użu paċifiku, sigur u sostenibbli tal-ispazju extratmosferiku, u t-tisħiħ tal-kapaċità ta' previżjoni tagħna li tippermettilna nipprevjenu, nirreaġixxu malajr u nimmaniġġaw sitwazzjonijiet ta' kriżi. L-UE ser taħdem ukoll mas-sħab lejn strateġija globali għall-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin.
11. L-UE ser taħdem biex issostni l-qafas multilaterali għad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi, li ġie taħt pressjoni dejjem akbar wara l-gwerra mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-paċi u s-sigurtà internazzjonali jiddependu fuq ir-rispett tad-dritt internazzjonali mill-Istati Membri kollha tan-NU u mill-komunità internazzjonali kollha kemm hi. It-tisħiħ tal-qafas multilaterali huwa essenzjali għall-prevenzjoni ta' deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni tas-sigurtà globali.
12. L-avvanz tad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi ser ikun parti vitali mill-"Aġenda Ġdida għall-Paċi". L-UE ser taħdem għat-tisħiħ, l-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tar-reġim multilaterali ta' diżarm u nonproliferazzjoni. L-UE tibqa' impenjata bis-sħiħ għall-promozzjoni tal-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari. L-UE ser tkompli tappoġġa l-istrumenti multilaterali kontra l-armi kimiċi u bijoloġiċi, sabiex tinżamm il-projbizzjoni legali internazzjonali ta' armi bħal dawn, u biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda impunità għal dawk li jużawhom. L-UE ser tkompli wkoll tappoġġa u ssaħħa l-istrumenti konvenzjonali kif ukoll ir-reġimi multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjonijiet. L-UE ser tkompli tindirizza l-isfidi emerġenti inkluż dawk relatati ma' sistemi ta' armi awtonomi letali, tippromwovi l-użu militari responsabbli ta' teknoloġiji ġodda u tippromwovi mgħiba responsabbli u l-prevenzjoni tal-militarizzazzjoni u ta' tellieqa tal-armi fl-ispazju extratmosferiku.

b) Ħadd ma jitħalla jibqa' lura

13. L-isforzi tagħna biex inżommu l-paċi u s-sigurtà huma interkonnessi mill-qrib mal-kapaċità tagħna li nindirizzaw sfidi globali oħra – li ntemmu l-faqar, innaqqsu l-inugwaljanzi u l-inġustizzja, u nindirizzaw it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, li nippromwovu s-saħħa globali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni soċjali universali u x-xogħol deċenti għal kulħadd, li nħarsu d-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi, u li nippromwovu l-istat tad-dritt u r-responsabbiltà. B'inqas minn għaxar snin sal-2030 u bl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) li qed jiġu mxejjla aktar mill-pandemija tal-COVID-19, il-"kriżi planetarja tripla", u l-impatti globali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, jeħtieġ li naqdbu t-triq it-tajba qabel ma jkun tard wisq. Il-prijorità ewlenija tagħna hija li nsaħħu r-reżiljenza kontra xokkijiet futuri u li niżguraw irkupru sostenibbli, ekwu u inklużiv. F'dak ir-rigward, l-UE ser tkun partikolarment attenta biex tiżgura li l-konsegwenzi tal-aggressjoni Russa ma jdgħajfux il-progress dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u lanqas dwar l-irkupru mill-pandemija. In-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel u l-malnutrizzjoni globali li qed jikbru b'mod mgħaġġel li qed naraw illum huma tfakkira ċara tal-hteġa li jitrawmu sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenza għall-klima, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli. L-Aġenda 2030 tibqa' l-pjan direzzjonali tagħna, u rridu naċċelleraw l-implimentazzjoni tagħha. Jeħtieġ li din il-kriżi tinbidel f'opportunità biex nibnu momentum għall-implimentazzjoni tal-SDGs sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Hekk kif il-kriżijiet jikbru fl-intensità u fil-kumplessità, jibqgħu kruċjali aktar kollaborazzjoni u sinerġiji fost l-atturi umanitarji, tal-iżvilupp u tal-konsolidazzjoni tal-paċi, f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, u b'involviment sinifikanti tas-soċjetà ċivili u atturi oħra, biex jiġi żgurat rispons kollettiv effettiv.

14. Il-Global Gateway tal-UE hija kontribut importanti għal dawn l-isforzi. Bil-Global Gateway, l-UE ressqet strateġija ambizzjuża biex tindirizza l-isfidi globali l-aktar urġenti, tagħti spinta lill-iżvilupp ta' infrastruttura intelliġenti, nadifa u sigura fis-setturi diġitali, tal-enerġija u tat-trasport, issaħħaħ is-sistemi tas-saħħa, l-edukazzjoni ta' kwalità u r-riċerka madwar id-dinja, u b'hekk tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-SDGs. L-UE ser tippromwovi investimenti ta' konnettività reżiljenti u finanzjarjament sostenibbli u sħubijiet inklużivi u trasparenti f'dak ir-rigward. L-istrateġija l-għdida tagħna ser iżżid l-investimenti li jippromwovu l-valuri demokratiċi, l-istandards għoljin, u l-governanza tajba u ser tippermetti lis-sħab tagħna jiżviluppaw is-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħhom b'benefiċċji dejjiema għall-komunitajiet lokali. L-UE ser tibqa' impenjata mill-qrib fl-appoġġ tal-iżvilupp urban sostenibbli globalment, filwaqt li ssegwi t-tweqqi tal-Aġenda Urbana Għdida.
15. Kuntratt soċjali b'saħħtu huwa essenzjali biex in-nies jgħixu ħajja deċenti, u jippermetti lil kulħadd jipparteċipa fis-soċjetà, kif imwiegħed fl-Aġenda 2030. L-UE tappoġġa l-proposta tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għal kuntratt soċjali mġedded li jinkludi dimensjoni soċjali u ekonomika b'saħħitha, inkluż il-protezzjoni soċjali, xogħol deċenti u edukazzjoni ta' kwalità. Il-bini mill-għdid tal-kuntratt soċjali permezz ta' approċċ komprensiv ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem huwa essenzjali biex jingħeleb in-nuqqas ta' fiduċja bejn l-Istati, iċ-ċittadini u partijiet ikkonċernati oħra u jinbnew il-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà kif ukoll ambjent favorevoli għas-soċjetà ċivili.
16. L-implimentazzjoni sħiħa tar-riforma tas-Sistema tal-Iżvilupp tan-NU u ż-żamma tal-progress lejn NU msaħħa u magħquda fl-azzjoni hija kruċjali għat-tweqqi tal-Aġenda 2030 b'mod aktar integrat, koerenti, effiċjenti u mmexxi mir-riżultati. Il-Koordinaturi Residenti tan-NU li ngħataw is-setgħa għandhom rwol importanti f'dan ir-rigward. Il-ħtieġa għal soluzzjoni ta' finanzjament fit-tul prevedibbli u sostenibbli għas-Sistema tal-Koordinaturi Residenti tibqa' importanti.

c) Id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt

17. Wisq persuni jitħallew lura f'dak li għandu x'jaqsam mat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem. Id-drittijiet tal-bniedem, kemm jekk ċivili kif ukoll politiċi, jew ekonomiċi, soċjali u kulturali, huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati. Jappartjenu għal kulħadd, kullimkien, mingħajr ebda distinzjoni. Ir-rispett, il-protezzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet kollha tan-nies kollha, fl-ispirtu tal-valuri universali li jirfdu soċjetà ġusta, ħielsa u sostenibbli, huwa fl-interess ta' kulħadd. L-UE ser tkompli tippromwovi u tiddefendi b'mod vigoruż l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-demokrazija, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Ser inkomplu wkoll nappoġġaw u nipproteġu l-ispazju tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tappoġġa l-viżjoni l-ġdida tas-Segretarju Ġenerali tal-istat tad-dritt li tqiegħed lill-persuni fiċ-ċentru tas-sistema ġudizzjarja. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa l-forom kollha ta' diskriminazzjoni fosthom għal raġunijiet ta' ġeneru, razza, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. L-UE ttenni l-impenn tagħha għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni u għad-dritt tal-persuni kollha li jgawdu l-firxa sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

18. L-UE ser tippromwovi t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha, tmexxija u parteċipazzjoni ugwali, sħaħ, effettivi u sinifikanti kif ukoll ser tiffaċilita t-tiŝhih tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa, filwaqt li tiżgura l-inklużjoni tal-ilħna tan-nisa żgħażaġh u tal-bniet u r-rwol tagħhom bħala aġenti tal-bidla. Mhu ser naċċettaw l-ebda sforz biex jiġu mminati l-libertajiet fundamentali jew l-obbligi internazzjonali eżistenti tad-drittijiet tal-bniedem u ser inkomplu niddenunzjaw il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem kull fejn iseħħu. L-UE ser tkompli tqiegħed il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza sesswali u ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru fiċ-ċentru tal-isforzi tagħha. L-UE tikkundanna l-użu tal-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru, inkluż bħala arma tal-gwerra. F'dinja dejjem aktar instabbli, ikkaratterizzata minn vjolenza u konflitti mtawla, il-protezzjoni tal-persuni ċivili, inkluż nisa u tfal f'konflitti armati, tibqa' prijorità għall-UE. L-UE ser tindirizza riskji emerġenti ġodda għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż it-theddid ibridu, l-iżviluppi teknoloġiċi, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, u l-konsegwenzi kontinwi tal-pandemija tal-COVID-19.
19. L-UE għadha impenjata lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u t-tgawdija tad-drittijiet kollha tal-bniedem u lejn l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u tal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u għadha impenjata lejn is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) f'dan il-kuntest. B'kont meħud ta' dan, l-UE tirriafferma l-impenn tagħha lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu hielisa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni ta' kwalità u affordabbli komprensiva dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, l-edukazzjoni, inkluż l-edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi għall-kura tas-saħħa.

20. "L-Aġenda Komuni Tagħna" tipprovdi qafas importanti għall-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pilastri kollha tan-NU. L-UE ser tagħmel l-isforzi kollha biex tqiegħed id-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentru tal-aġenda tan-NU u ser tippromwovi sistema globali msaħħa għad-drittijiet tal-bniedem billi tibni alleanzi aktar profondi mas-sħab. Ser inkomplu nippromwovu sistema tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU li toffri riżultati effettivi u l-indipendenza tagħha kif ukoll finanzjament sostenibbli u adegwat.
21. Irridu nsaħħu wkoll il-ġustizzja tranżizzjonali u r-responsabbiltà għal ksur u abbużi serji tad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem u ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż permezz tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, u navvanzaw il-ħidma tagħna lejn Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-kastig ta' reati kontra l-umanità. L-UE tibqa' sostenittriċi soda tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u ser tkompli tappella għar-ratiffika universali tal-Istatut ta' Ruma u għall-kooperazzjoni sħiħa mal-QKI. Ir-rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, il-prinċipji umanitarji tal-umanità, in-newtralità, l-indipendenza u l-imparzjalità kif ukoll l-aċċess sikur, rapidu u mingħajr xkiel tal-atturi umanitarji għall-popolazzjonijiet milquta jibqgħu kruċjali. Ma jista' jkun hemm l-ebda impunità għall-awturi ta' reati internazzjonali. L-UE ser tibqa' difensur vokali tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, u ser tippromwovi aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-mekkaniżmi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. L-implimentazzjoni effettiva tal-aġenda "Responsabbiltà ta' Protezzjoni" għandha tikkontribwixxi wkoll għal dan l-isforz.

d) L-Edukazzjoni

22. L-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwa mhuwiex biss dritt fundamentali tal-bniedem iżda huwa essenzjali wkoll għall-progress fl-SDGs kollha. Għandha setgħa trasformattiva tremenda għal dinja u rkupru sostenibbli, ġusti, inklużivi, aktar ugwali u reżiljenti inkluż billi tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni u permezz tagħha. Il-pandemija kompliet tillimita l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità, speċjalment fid-dinja li qed tiżviluppa u b'mod partikolari f'pajjiżi affettwati minn konflitti u emerġenzi umanitarji, filwaqt li aggravat l-inugwaljanzi edukattivi li kienu jeżistu qabel. Id-distakk diġitali kellu impatt ulterjuri fuq is-sistemi edukattivi. Din il-kriżi globali bla preċedent fit-tagħlim qed ikollha impatt devastanti fuq id-drittijiet tat-tfal u ż-żgħażaġh u għandha implikazzjonijiet għall-paċi, il-koeżjoni soċjali u l-prosperità futura.
23. L-UE hija impenjata bis-sħiħ li tappoġġa l-edukazzjoni fil-livelli kollha, issaħħaħ is-sistemi permezz ta' aktar investimenti bbażati fuq l-evidenza, tiffoka fuq l-ekwità u l-inklużjoni, b'mod partikolari l-edukazzjoni tal-bniet, u fuq l-għalliema u eżiti tat-tagħlim imtejba. Huwa urġenti li jiżdied il-finanzjament domestiku u internazzjonali għall-edukazzjoni b'enfasi fuq pajjiżi bi dħul baxx u fraġli, u li tissaħħaħ l-effiċjenza tal-politiki u l-kollaborazzjoni tal-atturi fl-ippjanar tal-edukazzjoni u t-tisħiħ tas-sistema. L-inizjattiva l-ġdida tal-UE dwar l-aġenda diġitali u l-edukazzjoni mnedija fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU ser tikkontribwixxi għal aċċess inklużiv u ugwali għall-użu ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti għar-realizzazzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, inkluż permezz tal-iżgurar tal-aċċess għall-edukazzjoni diġitali madwar id-dinja. Hemm hteġġa urġenti li jiġu promossi opportunitajiet aħjar ta' edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja għall-istudenti kollha, li jiġu avvanzati t-tagħlim u l-iżvilupp tal-ħiliet għal impjegabbiltà mtejba, li jiġi appoġġat l-iżvilupp professjonali tal-għalliema fil-livelli kollha u li jiġu żgurati t-tagħlim u l-edukazzjoni diġitali għall-iżvilupp sostenibbli. Irridu niżguraw li s-Summit dwar it-Trasformazzjoni tal-Edukazzjoni li jmiss ikun verament trasformattiv f'dawn l-oqsma kollha sabiex jiġi promoss aċċess ekwu għal edukazzjoni ta' kwalità għall-ġenerazzjonijiet attwali u dawk futuri. Dan ser jipprovdi opportunità importanti biex l-iżvilupp u l-edukazzjoni tal-bniedem jitqiegħdu fil-qalba tal-aġenda globali lejn l-2030 u lil hinn minnha.

2. It-thejjja aħjar għall-futur

24. L-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat instabbiltà akbar u żieda fir-riskji ta' frammentazzjoni tal-komunità internazzjonali aggravati mill-konsegwenzi soċjoekonomiċi dejjem aktar severi tal-konflitt. L-insigurtà tal-ikel, l-aċċess limitat għall-enerġija u l-materja prima minħabba tfixkil fil-kummerċ, kif ukoll riperkussjonijiet makroekonomiċi bħall-inflazzjoni għolja u l-livelli ta' dejn li qed jogħlew qed jaffettwaw ħafna pajjiżi madwar id-dinja. L-UE ser tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tal-konsegwenzi l-aktar immedjati ta' din il-kriżi u ser taħdem ma' pajjiżi sħab biex tinbena reżiljenza fit-tul għal xokkijiet bħal dawn.

a) It-tisħiħ tas-sigurtà u t-thejjja tas-saħħa globali

25. Il-pandemija tal-COVID-19 kixfet lakuni fil-kapaċità tad-dinja li tirrispondi b'mod rapidu għall-kriżijiet tas-saħħa globali u enfasizzat il-ħtieġa għal arkitettura tas-saħħa globali aktar b'saħħitha u aktar inklużiva, bi rwol ċentrali għall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). It-tagħlima ewlenija meħuda mill-pandemija hija li l-qafas multilaterali attwali għas-saħħa globali ma għadux adattat għall-iskop tiegħu u jeħtieġ li ninvestu b'mod konsiderevoli fil-kapaċità globali tas-sigurtà tas-saħħa sabiex inkunu ppreparati aħjar fil-futur. Lil hinn mill-ġlieda kontra l-pandemija attwali u t-tilqim tad-dinja, filwaqt li jiġi żgurat aċċess globali f'waqtu, affordabbli u ekwu għall-vaċċini, l-għan aħħari tal-UE jibqa' l-avvanz tal-Kopertura Universali tas-Saħħa u tibni sistemi tas-saħħa b'saħħithom u reżiljenti fil-pajjiżi sħab f'konformità mal-approċċ "Saħħa Waħda".

26. L-UE ser tkompli tkun forza mexxejja fin-negozjati lejn konvenzjoni, ftehim jew strument internazzjonali ieħor legalment vinkolanti biex jissaħħu l-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji fil-qafas tad-WHO. Biex jinkiser iċ-ċiklu ta' paniku u negliġenza, neħtieġu investimenti intelliġenti li jwasslu għal kollaborazzjoni u azzjoni kollettiva u kkoordinata. Il-Ftehim dwar il-Pandemiji l-ġdid ser iwassal għal bidla radikali billi jipprovdi qafas ġenerali għal dan il-għan. L-UE qed tistenna b'interess li taħdem mas-sħab kollha sabiex jinkiseb eżitu ambizzjuż. Huwa daqstant importanti li jiġi żgurat finanzjament sostenibbli għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji sabiex tiġi evitata ripetizzjoni tal-impatt devastanti soċjoekonomiku u fuq is-saħħa tal-COVID-19 fil-futur. L-UE tilqa' l-istabbiliment ta' Fond Intermedjarju Finanzjarju ġdid għal dan il-għan.

b) L-indirizzar tal-"kriżi planetarja tripla"

27. Il-"kriżi planetarja tripla" tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis tikkostitwixxi theddida eżistenzjali għall-persuni u l-pjaneta u trid tiġi indirizzata bl-aktar sens qawwi ta' urġenza – dawn jipperikolaw l-iżvilupp sostenibbli, japprofondixxu l-vulnerabbiltajiet eżistenti, idgħajfu d-drittijiet tal-bniedem u l-paċi globali. L-aktar rapport reċenti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima jwissi dwar l-impatti irriversibbli tat-tiżhin globali, filwaqt li jinnota li t-tibdil fil-klima dalwaqt jista' jegħleb il-kapaċità tagħna u tan-natura li nadattaw – sakemm ma nnaqqas malajr l-emissjonijiet. Il-konferenza internazzjonali Stokkolma+50 appellat għal rieda politika qawwija biex tiġi aċċellerata b'mod urġenti l-implimentazzjoni tal-impenji għal pjaneta b'saħħitha u biex ikun hemm involviment fi tranżizzjoni sistemika, biex tiġi indirizzata l-kriżi tripla u biex jintlaħqu l-SDGs. It-trasformazzjoni globali tas-sistemi tal-ikel f'konformità mal-impenji tas-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel ser tkun ukoll kruċjali f'dan ir-rigward.

28. Irridu nsegwu kollettivament u nimplimentaw bis-sħiħ l-impenji minn Glasgow u niżguraw ambizzjoni ogħla fil-COP li jmiss fl-Eġittu. Jeħtieġ li l-pajjiżi jippreżentaw pjaniet klimatiċi aktar ambizzjużi għall-2030 u miri u pjaniet kredibbli għall-2050. Irridu nallinjaw il-flussi finanzjarji kollha kemm mal-għan li niksbu n-newtralità klimatika madwar nofs is-seklu kif ukoll mal-ftehim ta' Glasgow dwar l-irduppar kollettiv tal-finanzjament għall-adattament sabiex jinkiseb bilanċ bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-isforzi ta' adattament. Irridu nallinjaw ukoll il-flussi finanzjarji u l-investimenti kollha mal-oġġettivi globali tal-bijodiversità, filwaqt li nikkunsidraw ukoll il-kriminalità organizzata tranżnazzjonali bħala sors ta' telf tal-bijodiversità, li għandu jintlaħaq qbil dwarha f'Qafas Globali tal-Bijodiversità ambizzjuż għal wara l-2020 din is-sena. Ser naħdmu lejn ftehim globali legalment vinkolanti biex niġġieldu kontra t-tniġġis mill-plastik.
29. Irridu nappoġġaw lis-Segretarju Ġenerali tan-NU fl-isforzi tiegħu biex jiġu eliminati gradwalment l-esplorazzjoni għal fjuwils fossili ġodda u s-sussidji għall-fjuwils fossili. Huwa imperattiv li naċċelleraw l-isforzi tagħna għal tranżizzjoni tal-enerġija ekoloġika reżiljenti u ġusta madwar id-dinja. Irridu nipparteċipaw fil-konklużjoni ta' aktar Sħubijiet għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija ma' pajjiżi sħab min-Nofsinhar Globali, fil-COP27 u lil hinn minnha. Jeħtieġ li nimpenjaw ruġna mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Lejn l-2025 tan-NU u l-Patti dwar l-Enerġija relatati biex ngħinu lill-gvernijiet u lill-partijiet ikkonċernati jiksbu l-wegħdiet tagħhom fir-rigward tal-enerġija.
30. L-oċeani jistgħu jkunu sors ta' enerġija rinnovabbli, ikel b'emissjonijiet baxxi u innovazzjoni u huma essenzjali biex tinkiseb l-Aġenda 2030. Il-konklużjoni tan-negożjati dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (BBNJ) din is-sena ser tkun kisba ewlenija biex jiġu żgurati l-benefiċċji għall-umanità.

31. L-ilma huwa ta' importanza strateġika għall-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll għall-paċi u s-sigurtà u t-tweqqi tad-drittijiet tal-bniedem. Jeħtieġ li l-ilma jiġi indirizzat fis-setturi kollha u bejn il-fruntieri. L-UE hija impenjata li tiżgura eżitu ambizzjuż u azzjonabbli fil-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023 bil-għan li titħaffef il-kisba tal-għanijiet u l-miri relatati mal-ilma tal-Aġenda 2030, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' mibgħut speċjali għdid tan-NU għall-ilma.

c) L-inklużjoni diġitali u l-konnettività

32. L-ispazju diġitali huwa għani f'opportunitajiet, iżda jgħorr ukoll riskji ta' teknoloġija bħall-intelliġenza artifiċjali li tintuża ħażin, jew ta' attakki ċibernetiċi, ċiberkriminalità u diżinformazzjoni. Jeħtieġ li nippromwovu ċiberspazju miftuħ, ħieles, globali, stabbli u sigur fejn id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt japplikaw bis-sħiħ. Huwa l-kompitu tagħna li nagħmlu t-trasformazzjoni diġitali taħdem għal kulħadd – li niproteġu l-beni komuni diġitali bħala ġid pubbliku globali, niksibu konnettività affordabbli u sinifikanti u inklużjoni diġitali, nagħlu d-distakk diġitali, u niżguraw ir-rispett u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem online hekk kif nagħmlu offline. L-UE ser tkompli ttiproteġi u tippromwovi l-ispazju ċiviku online, il-protezzjoni tad-data, id-dritt għall-privatezza, u tiġġieled kontra l-limitazzjonijiet tal-aċċess għall-informazzjoni sponsorjati mill-istat, inkluż il-qtugħ tal-internet. L-UE ser taħdem mas-sħab biex timplimenta d-Dikjarazzjoni dwar il-Futur tal-Internet biex tappoġġa Internet miftuħ, liberu, globali, interoperabbli, affidabbli u sigur.

33. Il-Patt Diġitali Globali kif propost mis-Segretarju Ġenerali tan-NU jista' jservi bħala faċilitatur u aċċelleratur għall-implimentazzjoni tal-SDGs, bil-prospett ta' aktar avvanzzi foqqsma oħra. L-UE tistenna b'interess li tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv lejn l-istabbiliment ta' Patt Diġitali Globali verament iċċentrat fuq il-bniedem – wieħed li jiżgura approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-ispazju diġitali u l-użu ta' teknoloġiji relatati, jindirizza kemm l-opportunitajiet kif ukoll ir-riskji tiegħu fid-dimensjonijiet kollha tiegħu u jkisser is-silos. L-eżitu għandu jkun governanza diġitali aktar b'saħħitha, inklużiva, ibbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem u b'diversi partijiet ikkonċernati, inkluż l-organizzazzjonijiet internazzjonali, il-gvernijiet, is-soċjetà ċivili, l-akkademja u s-settur privat, għall-benefiċċju ta' kulħadd. L-UE tistenna li l-Mibgħut tan-NU għat-Teknoloġija jgħin biex jinżamm u jittejjeb il-mudell attwali b'diversi partijiet ikkonċernati tal-governanza tal-internet u biex tiġi żgurata l-konformità mal-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għat-teknoloġiji diġitali fis-sistema kollha tan-NU.

d) It-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażaġh

34. Il-mobilizzazzjoni tal-potenzjal innovattiv taż-żgħażaġh għall-iżvilupp sostenibbli u soċjetajiet aktar demokratiċi, inklużivi u paċifiċi hija kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u għat-tiġdid tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet. L-UE ser tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażaġh billi ssaħħaħ il-kapaċitajiet taż-żgħażaġh, tindirizza l-inugwaljanzi u toffri opportunitajiet biex tixpruna l-iżvilupp sostenibbli fil-komunitajiet u l-pajjiżi tagħhom, kif ukoll globalment. Ser nuru tmexxija u nipromwovu impenn sinifikanti, varjat u effettiv taż-żgħażaġh kemm fi ħdan in-NU kif ukoll lil hinn minnha, il-parteċipazzjoni sħiħa u attiva tagħhom fil-ħajja pubblika u politika fil-livelli kollha bħala aspett essenzjali tad-demokrazija, il-governanza tajba u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Vuċi aktar b'saħħitha għaż-żgħażaġh, speċjalment għan-nisa żgħażaġh u l-bniet fit-teħid ta' deċiżjonijiet globali hija essenzjali biex tippermettilhom jaġixxu bħala multiplikaturi, jikkontribwixxu għal politiki aktar sostenibbli, jirrestawraw il-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi u jibnu futur aħjar għal kulħadd – aktar ekoloġiku, aktar inklużiv u diġitali. L-istabbiliment tal-Uffiċċju taż-Żgħażaġħ tan-NU ser ikun pass konkret lejn il-kisba ta' dawn l-oġettivi.

III. Lejn NU 2.0 - KIF?

35. L-ambjent globali aktar kumpless jafferma mill-ġdid il-ħtieġa għal NU li tkun lesta għall-futur. Ma nistgħux nindirizzaw il-problemi tas-seklu 21 b'sett ta' għodod tas-seklu 20. Jeħtieġ li nimxu minn sempliċiment reazzjoni għall-isfidi u l-kriżijiet globali, bħall-konflitti, l-insigurtà tal-ikel jew it-tibdil fil-klima, għall-prevenzjoni u l-antiċipazzjoni aħjar tal-kriżijiet u x-xejriet ewlenin, bħat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi jew it-tibdil demografiku, u l-integrazzjoni tal-valutazzjonijiet tagħna fl-ippjanar strateġiku u t-tfassil tal-politika tagħna. Biex dan jinkiseb u filwaqt li nistennew b'interess is-Summit tal-Futur fl-2023, jeħtieġ li n-NU tadatta f'konformità mal-viżjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-"Aġenda Komuni Tagħna" u tagħti riżultati bħala "NU Waħda" fis-sistema kollha.
36. Biex in-NU ssir aktar effettiva, jeħtieġ li niżviluppaw kapaċitajiet ġodda li jippromwovu l-aġilità, l-integrazzjoni u l-koeżjoni. L-UE tappoġġa t-titjib tan-NU billi tinvesti fil-"Kwintett tal-Bidla", b'enfasi aktar qawwija fuq id-data, il-ġestjoni bbażata fuq ir-riżultati, u l-prospettiva strateġika. Dawn il-kapaċitajiet huma fundamentali għall-kunċett tan-NU 2.0 lejn sistema tan-NU aktar orjentata lejn il-futur. Aħna nappoġġaw ukoll il-proposta għal Pjattaforma ta' Emerġenza biex jittejjeb l-approċċ kollettiv tagħna għall-ġestjoni tal-kriżijiet. L-UE tilqa' l-proposta li jiġi stabbilit mill-ġdid il-Bord Konsultattiv Xjentifiku tas-Segretarju Ġenerali tan-NU bħala element ewlieni għat-tisħiħ tat-teħid ta' deċiżjonijiet fin-NU u r-rwol tiegħu bħala sors ta' data u evidenza affidabbli, u tinsab lesta li tassisti permezz tal-korpi konsultattivi tax-xjenza tagħha stess. Is-Summit tal-Futur ser ikun l-okkażjoni t-tajba biex jittieħed kont u jsir progress f'dan il-proċess ta' trasformazzjoni. L-UE tistenna b'interess li tinvolvi ruħha mal-atturi kollha b'mod ġenerali lejn eżitu viżjonarju u ambizzjuż tas-Summit.

37. NU 2.0 tfisser ukoll organizzazzjoni li hija ffinanzjata b'mod sostenibbli u li hija aktar inklużiva, trasparenti u responsabbli. Atturi bħas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, is-sħab soċjali, iż-żgħażaġh, il-parlamenti, is-settur privat, l-akkademja kif ukoll l-organizzazzjonijiet reġjonali – kollha jżidu perspettiva distinta u jsaħħu t-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Dan iżid il-leġittimità tan-NU u jgħin biex jintwera liċ-ċittadini tagħna għaliex il-multilateraliżmu u n-NU huma l-aħjar mod biex jinkisbu riżultati għall-benefiċċju ta' kulħadd. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jibqgħu fuq quddiem nett fil-promozzjoni ta' NU aktar moderna, effiċjenti, trasparenti u responsabbli. Ser inkomplu nappoġġaw dawn il-bidliet trasformattivi, sabiex in-Nazzjonijiet Uniti tkun mgħammra kif xieraq għall-isfidi u l-opportunitajiet futuri.
